# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

# IMHALLEF:

# ONOR. GIANNINO CARUANA DEMAJO LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 8 ta' Gunju, 2001**

**Numru 7**

**Cit. Nru. 2490/00 GCD**

**Carmelo sive Charles Azzopardi u Anthony Azzopardi ezercenti l-kummerc that l-isem Azzopardi Fisheries**

**Vs**

**Rinella Entertainment Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni ta' l-atturi li bih ippremettew:

Illi s-socjeta` konvenuta tinsab debitrici versu l-atturi fis-somma ta' elf tliet mija u sitta u hamsin lira u sitt centezmu (Lm1,356.06) rapprezentanti prezz ta' hut mibjugh u kkonsenjat mill-atturi lis-socjeta` konvenuta skond kif jirrizulta mill-prospet markat Dokument "A", liema dejn hu cert, likwidu u dovut;

Illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm giet interpellata sabiex thallas baqghet inadempjenti; u

Illi fil-fehma ta' l-atturi s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talbiet attrici;

U talbu illi l-Qorti:

1. tiddeciedi bid-dispensa mis-smigh tal-kawza a tenur ta' l-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' elf tliet mija u sitta u hamsin lira u sitt centezmi (Lm1,356.06) rapprezentanti prezz ta' hut mibjugh u kkonsenjat mill-atturi lis-socjeta` konvenuta.

Bl-imghaxijiet kummercjali mill-1 ta' Novembru 2000 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid ipprezentat kontestwalment mac-citazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat in-nota li biha l-atturi cedew is-sorte u zammew it-talba ghall-ispejjez;

Rat in-nota tal-konvenuta li biha ammettiet it-talba ghall-ispejjez;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenuta, it-talba ghall-ispejjez tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenuta, tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi ghall-hlas ta' l-ispejjez.

**Onor. Imhallef Giannino Caruana Demajo LL.D.**

Dep. Reg.

cm